Il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2006

P6_TA(2006)0514

Ir-regoli għall-parteċipazzjoni — FP7 — KE ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' intrapriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet fi ħdan is-Seba' Programm ta' Qafas u għat-tixrid tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (COM(2005)0705 — C6-0005/2006 — 2005/0277(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005) 0705) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikoli 167 u 172 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0005/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġit u tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6-0304/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

P6_TC1-COD(2005)0277

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-30 ta' Novembru 2006 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet taħt is-Seba' Programm ta' Qafas u għat-tixrid tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 u t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 172 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

([1]) Opinjoni mogħtija fil-5 ta' Lulju 2006 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).